MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 6/2022 LM

**Mandy Caruana (K.I. nru. 417291(M))**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Mandy Caruana (K.I. nru. 417291(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Ġunju, 2022, numru 124/22 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru għas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'I quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċida li jiċħad l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-intimat id-**Direttur**

**Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa ’l quddiem ‘id-Direttur Ġenerali appellat’] tal-25 ta’ Marzu, 2019.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tal-25 ta’ Marzu, 2019 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat’] sabiex iwaqqaf l-Għajnuna Soċjali (SA) li kienet qegħda tirċievi l-appellanta għaliex huwa ma kienx sodisfatt li l-kapital tagħha ma kienx jeċċedi l-iskala stabbilita. Dan ġara wara li permezz ta’ att ta’ bejgħ tal-25 ta’ Awwissu, 2017 fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena, l-appellanta kienet biegħet l-appartament bin-numru tlieta (3) fl-ewwel livell fil-blokk ta’ appartamenti bl-isem ta’ ‘Palm Court’, fi Triq il-Palm, Ħaż-Żabbar, [minn issa ’l quddiem ‘il-fond’ ], u filwaqt li ħallset il-bank għall-bilanċ tas-self mogħti lilha, l-appellanta għaddiet il-bilanċ tar-rikavat lil missierha Mario Caruana li xi sentejn qabel kien għadda l-imsemmi fond lil bintu l-appellanta permezz ta’ att ta’ donazzjoni irrevokabbli tal-24 ta’ Novembru, 2015 fl-atti tal-istess Nutar Pubbliku. Sussegwenti għall-bejgħ imsemmi, id-Direttur Ġenerali appellat kien għadda sabiex waqqaf l-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi l-appellanta permezz ta’ deċiżjoni tal-25 ta’ Marzu, 2019, u dan għaliex skont l-istess deċiżjoni huwa ma kienx *“...sodisfatt li l-kapital ...ma jeċċediex l-iskala”.*

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fit-2 ta’ April, 2019, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, filwaqt li spjegat ċ-ċirkostanzi tagħha.

4. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fis-27 ta' Novembru, 2019, fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellanta ma kien qed iqajjem l-ebda punt ta' liġi jew ta' prinċipju ta' importanza, u għaldaqstant kellu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan il-każ jirrigwardja twaqqif tal-Għajnuna b'effett mill-5 ta' April 2019;*
>
> *Illi rriżulta illi l-appellanti kienet biegħet il-fond 3 Palm Crt Triq il-Palm Ħaż-Żabbar u għamlet rikavat ta' €150,000. Fuq dan il-punt, il-partijiet jaqblu kollha.*
>
> *L-appellant tgħid però illi l-flus li daħlet kienet ħallset parti minnhom għal-loan li kellha pendenti u l-bilanċ irrifondithom lura lil missierha li oriġinarjament kien għamel lilha donazzjoni tal-immobbli li hija kienet biegħet. Illi din il-versjoni kienet korraborata minn missier l-appellanti.*
>
> *Illi għalkemm wieħed jista' jkun ittantat l-versjoni tal-appellanti hija waħda fabrikata, l-Aribitru ma għandu prova kontrarja tal-versjoni tal-appellanti.*
>
> *Illi minkejja li l-Arbitru jifhem ċertu sitwazzjonijiet bejn familjari, legalment u fattwalment jirriżulta li l-appellanti kienet iddisponiet mill-ġid tagħha meta għaddiet il-flus lil missierha. Inoltre jirriżulta wkoll li hija kienet naqset milli tavża lid-Dipartiment b'dawn iċ-ċirkostanzi. Inoltre il-perijodu kalakulat ta' bejn is-17 ta' Ġunju 2017 u l-5 ta' April 2019 ammontanti għal €9,930.19 ma ġie ebda mod ikkontestat bħala kalkoli mill-appellanti.*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jaqbel li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali kienet waħda korretta u konsegwentement l-appell qed jiġi miċħud."*

**L-Appell**

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-22 ta' Lulju, 2022 fejn qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tbiddel id-deċiżjoni appellata,

filwaqt li tilqa' l-appell tagħha, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur Ġenerali appellat. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Arbitru kien tenut jilqa' l-appell tagħha għaliex hija qatt ma kienet iddisponiet mill-ġid tagħha.

7. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fid-9 ta' Awwissu, 2022 fejn issottometta li d-deċiżjoni appellata hija waħda ekwa u ġusta, u għaldaqstant timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta flimkien mat-tweġiba tad-Direttur Ġenerali appellat, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. L-appellanta qegħda tikkontendi li l-Arbitru kien tenut jilqa' l-appell tagħha fl-intier tiegħu. Tgħid li dan għaliex hija qatt ma kienet iddisponiet minn ġidha, iżda biss irrestitwiet lid-donatur il-kapital li kien baqa' wara li kienet ħallset it-taxxa u s-self tal-bank, għaliex wara s-separazzjoni minn ma' żewġha s-sitwazzjoni tagħha kemm dik finanzjarja kif ukoll tal-familja ma baqgħetx aktar tenibbli. Tgħid li fi kwalunkwe każ l-iskop tad-donazzjoni oriġinali kien spiċċa. L-appellanta tirrileva li fl-ewwel lok kellu jingħad li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa mill-motivazzjoni għaliex ma tindikax liema artikolu tal-Kap. 318 hija kienet kissret. Tgħid li hija qegħda tifhem li dik id-deċiżjoni qegħda tagħmel riferiment għall-para. (b) tal-artikolu 1 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, u tgħid li l-parti mportanti tiegħu fir-rigward tal-appell odjern kienet tipprovdi li *"kien direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom*

*sabiex ikollu jedd...".* L-appellanta tissottometti li huwa paċifiku li hija ma ċaħditx lilha nnifisha minn ġid sabiex b'hekk ikollha d-dritt li tirċievi l-Għajnuna Soċjali, iżda hija kienet ġiet kostretta li tirrestitwixxi kapital lid-donatur minħabba ċ-ċirkostanzi kif żviluppaw. Tikkontendi li ma setax jingħad li l-ġid kien tagħha, għaliex kien ingħata lilha b'donazzjoni f'ċerti ċirkostanzi li sussegwentement ma baqgħux l-istess u taw lok sabiex tiġi riżolta s-sitwazzjoni finanzjarja mal-bank u jingħata lura l-kapital lid-donatur. L-appellanta tinsisti li hija kienet ġiet kostretta tagħmel dan meta l-iskop oriġinali tad-donazzjoni ma baqgħax jissussisti.

10. Id-Direttur Ġenerali appellat iwieġeb billi jgħid li l-appell interpost mill-appellanta għandu jiġi miċħud, filwaqt li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata. Qabel ma jgħaddi sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-mertu, l-imsemmi Direttur Ġenerali appellat jindirizza l-allegazzjoni mressqa mill-appellanta li d-deċiżjoni appellata mhijiex motivata stante li ma tindikax liema artikolu hija kissret mill-Kap. 318. Jissottometti li huwa qed jifhem li dan huwa sempliċi kumment min-naħa tal-appellanta, iżda mhux aggravju fejn qegħda tikkontendi li d-deċiżjoni appellata b'xi mod jew ieħor hija nulla. Jgħid li m'għandu jkun hemm l-ebda dubji dwar il-parametri tal-kawża odjerna u anki tal-liġi applikabbli, u dan filwaqt li jiċċita l-proviso relattiv fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda. Jikkontendi li l-fatt li l-Arbitru m'għamilx riferiment dirett għalih ma kienx ifisser li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa mill-motivazzjoni, u lanqas għandu jirriżulta li d-deċiżjoni appellata hija formalment difettuża, kif jidher li kienet qegħda tissuġġerixxi l-appellanta. Dwar l-argument fil-mertu li qegħda tagħmel l-appellanta, id-Direttur Ġenerali appellat jgħid li dan huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt. Jirrileva li jidher li l-Arbitru ma tantx kien

konvint minn dak li kienet qegħda tgħid l-appellanta u fid-deċiżjoni appellata saħansitra qal li dan seta' kien iffabbrikat. Iżda madankollu xorta waħda l-Arbitru kkummenta li d-Direttur Ġenerali appellat ma kellu l-ebda prova sabiex jikkontradixxi dak li kienet qegħda tgħid l-appellanta. Dwar l-insistenza tal-appellanta li hija kienet kostretta li trodd lura l-flus li kienet irċeviet, id-Direttur Ġenerali appellat jikkontendi li legalment hija ma kinitx marbuta li tagħmel dan, tant li fil-kuntratt ta' donazzjoni ngħad li din kienet waħda rrevokabbli. Isostni li b'hekk l-appellanta ċaħdet lilha nnifisha minn dawk il-flus, u l-aggravju tagħha għandu jiġi miċħud

11. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Arbitru, u tgħid li ma ssibx li l-appellanta għandha raġun. Bħall-Arbitru, tagħraf li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti tal-każ odjern. Madankollu l-vertenza bejn il-partijiet tirriżulta biss dwar jekk l-appellanta tassew qabżet il-massimu tal-kapital stabbilit mil-liġi għall-fini tal-intitolament tal-benefiċċju in kwistjoni, u dan hekk kif hija għaddiet il-bilanċ rimanenti f'idejha mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond, lil missierha li f'xi żmien qabel kien għadda l-istess fond b'donazzjoni rrevokabbli lil bintu l-appellanta. Il-Qorti tgħid li l-proviso tal-ewwel paragrafu tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 kif ċitat mid-Direttur Ġenerali appellat, ma jħalliex dubju li sabiex jiġu kkalkolati l-mezzi tal-applikant jew tal-benefiċjarju, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni wkoll kull proprjetà jew dħul, li b'mod dirett jew indirett xi membru tal-familja jkun ċaħħad lilu nnifsu minnhom sabiex jitqies li għandu l-jedd li jirċievi l-benefiċċju in kwistjoni. Għalkemm l-appellanta qegħda tikkontendi mod ieħor, billi tgħid li hija kienet tenuta trodd lura l-bilanċ tar-rikavat mill-bejgħ tal-fond li kien għad baqa' f'idejha wara li ħallset is-self bankarju, din l-asserzjoni tagħha mhijiex fondata fil-liġi. Kif sewwa rrileva d-

Direttur Ġenerali appellat, skont kif jirriżulta mill-att stess, id-donazzjoni tal-proprjetà kienet saret b'mod irrevokabbli, u għalhekk meta l-appellanta għażlet li trodd lura l-imsemmi bilanċ, dan għamlitu minn jeddha u mingħajr l-ebda obbligu legali min-naħa tagħha, sabiex b'hekk tgħid il-Qorti hija ddisponiet minn ġidha u mhux irrestitwiet xi ammont li kien dovut. Kien ikun mod ieħor li kieku d-donazzjoni kienet soġġetta għal xi kundizzjoni ta' restituzzjoni tal-kapital jew parti minnu f'każ ta' xi ċirkostanzi partikolari bħal ma kienu dawk tal-appellanta. Għaldaqstant dak l-ammont għandu jittieħed in konsiderazzjoni għall-fini tal-komputazzjoni tat-test tal-mezzi skont il-proviso suriferit. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**